**Qorti Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Att ta Akkuza Nru: 12/2017**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Clive Dimech**

**<u>Illum, 13 ta' Marzu, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Clive Dimech preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-10 ta' Jannar 2024 fejn espona s-segwenti:-

> *"Illi l-akkuzat kien issoleva diversi eccezzjonijiet fosthom dwar in-nuqqas t'akkreditar tal-laboratorju fejn giet analizzata s-sustanza suspettata droga, liema eccezzjonijiet li illum gew definittivament decizi gewa michuda fl-intier taghhom.*
>
> *Illi ghalhekk ir-rikorrenti jixtieq li l-kwistjoni dwar in-nuqqas t'akkreditar tal-laboratorju fejn giet analizzata d-droga tigi riferuta lil Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali ) ai termini ta' l-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni.*

*Illi dan peress illi l-akkuzat jikkontendi illi l-akkreditazzjoni tal-laboratorju, li huwa l-process tekniku sabiex jiccertfika li laboratorju jipproduci rizultati affidabbli u li wiehed jista' jistrih fuqhom bhala evidenza fil-process kriminali, huwa l-unika mod kif wiehed jista' jkollu s-serhan tal-mohh illi l-process shih konsistenti fil-gbir, l-analizi, it-testijiet u l-process kollu li jkun sar fuq is-sustanza allegatament droga, ikun gie ezegwit b'mod korrett tajjeb u preciz u professjonali.*

*Illi ghalhekk in-nuqqas ta' akkreditar tal-laboratorju fejn giet analizzata d-droga qed iledi id-drittijet fundamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq hek kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ir-rikorrent umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha sabiex ai termini ta' l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni tibghat din il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti CIvili li ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq din il-kwistjoni u dan taht kwalunkwe kundizzjoni li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa uopportuni fic-cirkostanzi.*

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Jannar 2024 fejn ordnat notifika lill-Avukat Ġenerali b'jumejn żmien għar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Jannar, 2024 fejn stqarr is-segwenti:-

*"Illi fir-rikors odjern l-akkuzat qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tirreferi l-kwistjoni fuq ksur ta' smiegh xieraq dwar in-nuqqas t'akkreditar tal-Laboratorju fejn giet analizzata d-droga quddiem il-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-termini ta' l-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni.*

*Illi jinghad li talba simili gja saret lura fi-t22 ta Frar 2021 fejn dak izzmien tqajmet il-kwistjoni li l-istess Laboratorju ma kienx qed jimxi skond id-Direttivi tal-Unjoni Ewropeja fir-rigward tal-akkreditament tal-laboratorju Forensici.*
*Illi sussegwentement ir-rikorrent talab li jinstemghu diversi xhieda in sostern ta' din it-talba fejn dina l-OnorabbliQorti akkordat tali talba b'dana li dina l-Onorabbli Qorti qatt ma tat decisjoni fuq l-ewwel referenza Kostituzzjonali.*

*Illi wara s-smiegh tal-imsemmija xhieda r-rikorrent intavola rikors fit-3 ta' Mejju 2022 bl-eccezzjonijiet ulterjuri dwar l-istess materja kif ukoll dwar il-kustodja tad-droga esebita, fejn talab li x-xhieda gja mismugha ghandhom japplikaw mutatis mutanda ghal mertu tar-rikros. Illi fir-rigward tal-eccezzjoni li titratta l-kutodja tad-droga fis-seduta tat-12 ta' Mejju t'a l-istess sena, ir-rikorrent kien talab li jigi ingunt id-Direttur tal-Qorti Kriminali.*

*Islli fis-eduta sussegwenti senjalament fis-26 ta' Mejju 2022, l-esponent intavola r-risposta ghar-rikors tat-3 ta' Mejju fejn ir-rikorrent talab zmien biex jiehu konjizzjoni ta' tali risposta.*

*Illi fis-seduti sussegwenti, dan ir-rikors baqa' ma giex trattat b'ddana li fis-seduta tat-22 ta NOvembru ta' l-istess sena flok sar dan ir-rikorrent talab differeiment fid-dawl tal-fatt ta' procedure gja pendent fuq l-istess materja quddien din l-Onorabbli Qorti* ***The Republic of Malta vs Onouragh Morgan***

*Illi fit-23 ta Jannar 2023 ir-rikorrent intavoa eccezzjoni ultejuri dwar l-isfilz tax-xhieda tal-espert Spizjar flimkien mar-rapport tieghu dwar l-analizi tad-droga mertu l-kaz odjern.*

*Illi għalkemm l-esponent intavola ir-risposta relattiva dan ir-rikros baqa' ma giex tratttat b'dana li fis-seduta tat-28 ta' Marzu tal-imsemmija sena l-kawza giet differita sine die sakemm, ikun hemm l-ezitu finali tal-kawza Onouragh mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.*

*Illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru ta' l-istess sena l-akkuzat informa l-Qorti li huwa bi hseibu jipprezenta kawza Kostituzzjonali dan wara li l-Qorti.*

*Illi fis-seduta tal-31 ta' Ottubru d-difiza infurmat lil Qorti li kient ghadha ma pprezentatx il-kawza Kostituzzjonali.*

*Illi fis-seduta tat-23 ta Novembru, liema seduta kient originarjament skedata ghall-5 ta' Dicembru, dak in-nhar tqajmet il-kwistjoni ta' kif kien notifikat l-akkuzat fejn xorta wahda ma saret l-ebda referenza tal-kawza Kostituzzjonali.*

*Illi l-prosekuzzjoni ilha ghal dawn l-ahhar sentejn beix tinghata data ghal guri. Illi l-kaz odjern zgur li ma jimmerita dan it-tul ta' zmien kollu. Illi jinghad oltre li fost ix-xhieda li bi hsiebha tressaq hemm persuni li gja tresqu fuq l-istess ddroga u qed jiskontaw il-piena taghhom. Illi jekk verament rid issir gustizzja u trid tidher li qed issir gustizzja ane mal-imsemmija persuni il-prosekuzzjoni tesigi il-proegwiment tal-kawza minghajr iktar differimenti inutile.*

*Ghalhekk in vista tas-suespost lesponent qed joggezzjona ghar-referenza Kostituzzjonali dan ghas-emplici fatt li t-talba mertu din ir-risposta hija frivola vessatorja u prematura u ma sservi ghal xejn ghajr biex tkompli ttawwal is-smiegh tal-guri odjern."*

Semgħet lill-partijiet jagħmlu is-sottomissjonijiet orali tagħhom nhar it-30 ta' Jannar 2024.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

*In primis* din il-Qorti tirrileva li f'każijiet li jinvolvu materja Kostituzzjonali, il-poteri ta' din l-istess Qorti huma strettament limitati bil-Kostituzzjoni ta' Malta. Infatti l-Artikolu 46 93) tal-Kostituzzjoni ta Malta tipprovdi li:-

> *'in any proceedings in any court other than the Civil Court, First Hall, or the Constitutional Court any question arises as to the contravention of any of the provisions of the said articles 33 to 45 (inclusive), that court shall refer the question to the Civil Court, First Hall, unless in its opinion the raising of the question is merely frivolous or vexatious; and that court shall give its decision on any question referred to it under this sub-article and, subject to the provisions of sub-article (4) of this article, the court in which the question arose shall dispose of the question in accordance with that decision.'*

Li din il-Qorti ma ġietx imsejjħa sabiex tiddeċiedi fuq il-materja in desamina iżda trid tiddetermina jekk fil-fehma tagħha d-domanda imressqa mir-rikorrenti hija merament frivola u vessatorja. Jekk din il-Qorti hija tal-fehma li d-domanda imressqa hija prima faccie frivola u vessatorja allura għandha tiċħad id-domanda rikorrenti. Pero jekk il-Qorti hija tal-fehma li d-domanda sollevata prima faccie ma hiex frivola u vessatorja allura għandha tilqa it-talba rikorrenti u tordna referenza Kostituzzjonali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Alan Mifsud vs L-Aukat Generali et</u>**[1] l-Qorti kkunsidrat li:-

> '"*frivola*" *riferibbilment għall-kwistjoni Kostituzzjonali li tiġi sollevata quddiem xi qorti - barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal-*

[1] Deciza nhar it-23 ta Novembru 1990

*Qorti Ċivili - tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta' manifestament nieqsa mis-sens, li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; waqt li "vessatorja" tfisser li l-kwistjoni ġiet sollevata mingħajr raġunijiet sufficjenti u b-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti;'*

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-akkużat qed jallega li d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq kif provdut fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem ġie vjolat minħabba n-nuqqas ta' laboratorju akkreditat fejn is-sustanza tal-allegat droga ġiet eżaminata.

Primarjament din il-Qorti tixtieq tagħmel referenza għas-sentenza tagħha fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Izuchukwu Morgan Onourah** deċiża fit-28 ta' Marzu 2023 fejn ingħad li :-

*'The first Article of the Council Framework Decision 2009/905 JHA on Accreditation of forensic service providers carrying out laboratory activities dated 30th November 2009*[2] *stipulates that:*

*'The purpose of this Framework Decision is to ensure that the results of laboratory activities carried out by accredited forensic service providers in one Member State are recognised by the authorities responsible for the prevention, detection and investigation of criminal offences as being equally reliable as the results of laboratory activities carried out by forensic service providers accredited to EN ISO/IEC 17025 within any other Member State.*

[2] Corresponding to Article 4 of Subsidiary Legislation 460.31.

*This purpose is achieved by ensuring that forensic service providers carrying out laboratory activities are accredited by a national accreditation body as complying with EN ISO/IEC 17025.'*

*The Council Framework Decision mentioned above was transposed to Maltese law by means of Subsidiary Legislation 460.31 on the 29th March, 2016. Moreover, Article 2 of the Council Framework Decision and Article 3 of the aforementioned Subsidiary Legislation both provide that* ***the framework decision shall apply to laboratory activities resulting in DNA-profile and dactyloscopic data, both of which have nothing to do with drugs analysis.*** *When scientist Godwin Sammut testified before this Court on the 24th March, 2021[3] he confirmed this when asked by the defence why the laboratory was not accredited:*

***'There is no obligation till to date 2021 jigifieri for the government to accredit any forensic laboratory except for the council decision which states that DNA profiles and dactyloscopic data.*** *The council decision I am referring to in 2009/905/JHA of the 30th November, 2009 which implements and sets out criteria for the government follow this council decision. I have performed a search with the European Union and Malta is in line with this council decision. In fact, on 14th May, 2020 the European Union issued a security union to Belgium and Greece who were the only two states from the European Union which had not yet fully transposed and implemented this European Commission decision.* ***However, Malta is in line with this decision, there is no obligation for the Government of laboratory to accredit their laboratory, except for DNA and fingerprints which Malta is line with.'***

Il-Framework Decision imsemmija iktar 'l fuq tapplika biss lil laboratorju li għandhom attivitajiet fid-DNA profile u Dactoscopic data u mhux għal analilżi ta' droga. B'hekk l-analiżi tad-droga taqa' barra l-parametri u skop ta' din il-liġi. Kif ritenut fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Izuchuku Morgan Onouragh.**[4]

> *'17. This means that the scope of the law is clear, being that of establishing common standards applicable in all member states with regard to the detection of cross-border crimes and in combating terrorism, particularly with the sole aim of arriving at a common identification of the persons involved in the commission of such offences and their victims.*
>
> *With Recital 16, then, clearly stating that This Framework Decision does not aim to harmonise national rules regarding the judicial assessment of forensic evidence.*
>
> ***Necessarily implying that the sole fact there is no adherence to these rules does not in any way affect the judicial assessment which is carried out in criminal proceedings of forensic evidence on a national basis, thus including even the assessment of DNA profiles and fingerprint reports.'***

Din il-Qorti tagħmel referenza ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs l-Avukat ta' L-Istat** fejn il-Prim Awlta Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) stqarret is-segwenti:-

> *'30. Sa fejn jirrigwarda dan l-ilment għalhekk il-Qorti taqbel ma' dak li intqal diġa' minn dawn il-Qrati u cioe' li* ***din il-liġi 'tapplika esklussivament għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analiżi***

[4] Deci nhar l-4 ta Ottubru 2023

> ***ta' droga***, *u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss iżda r-regolament 6 jiddisponi illi dan "**l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza**," biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-riżultanzi forseniċi magħmula mill-espert Mario Mifsud għandha issir fit-termini taldritt penali fir-rigward.' (ara digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Per Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Numru: 6/2014* ***Il-Pulizija (Spettur Johann Fenech) -vs- Mario Buhagiar*** *tas-26 ta' Ġunju, 2020)'*

Il-Qorti fis-sentenza appena imsemmija ċaħdet it-taba tal-akkużat li n-nuqqas ta' akkreditar tal-laboratorju fejn ġiet ittestjata d-droga vjolat id-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq. Fil-fatt marret oltre u stqarret is-segwenti:-

> *'...Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-attitudni li f'kawżi ta' natura Kostituzzjonali, fejn dak li jkun dejjem jipprova joħroġ il-fenek mill-kappell meta diġa' jkollu aggravji oħrajn li jkunu ħafna aktar ta' sustanza. Dan l-element ta' sorpriża jew ta' tqanżiħ fil-kisba ta' xi raġuni li tkun bla fundament, kapaċi jnaqqas ħafna mill-konċentrazzjoni, enerġiji u spessur ta' ħsieb li jkun hemm bżonn, tant meħtiega fil-konsiderazzjonijiet ta' aggravji aktar serji.'*

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex tordna referenza Kostuzzjonali u dan minħabba li t-talba tiegħu hija waħda frivola u vessatorja.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**